



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 13.11.2018
COM(2018) 851 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Dwar il-Progress li sar mir-Rumanija taħt il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-
Verifika**

{SWD(2018) 551 final}

1. INTRODUZZJONI

F'Jannar 2017 il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni komprensiva tal-progress li sar mir-Rumanija f'10 snin mit-twaqqif tal-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika (MKV) fl-2007¹. Fuq il-bażi ta' din il-perspettiva fuq żmien itwal, u l-progress sinifikanti li sar f'10 snin sa Jannar 2017, il-Kummissjoni indikat 12-il rakkomandazzjoni ewlenija li jekk jiġu segwiti, itemmu l-proċess tal-MKV, f'konformità mal-għan stabbilit mill-President Juncker biex jiġi konkluż il-proċess tal-MKV taħt il-mandat ta' din il-Kummissjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' Jannar 2017 għalhekk ma kinux meqjusa biżżejjed biex jingħalaq il-MKV - ħlief jekk l-iżviluppi jkunu biex ireġġgħu lura b'mod ċar il-progress. Għe enfasizzat ukoll li l-pass tal-proċess jiddependi fuq kemm ir-Rumanija tkun kapaċi tissodisfa r-rakkomandazzjonijiet malajr, b'mod irriversibbli. B'mod partikolari, ir-rakkomandazzjonijiet iffukaw fuq ir-responsabilità u l-kontabilità meħtieġa mill-awtoritajiet Rumani u fuq il-bini ta' salvagwardji interni biex tiġi żgurata l-irreversibilità tar-riżultati, biex jintwera li l-proġetti li għaddejjin se jiġu ffinalizzati anki mingħajr il-MKV. Kif sottolinjat mill-Kunsill, il-MKV se jintemm meta l-erba' parametri referenzjarji li japplikaw għar-Rumanija jinkisbu b'mod sodisfaċenti².

Fir-rapport ta' Novembru 2017,³ il-Kummissjoni nnutat progress fuq għadd ta' rakkomandazzjonijiet stipulati fir-rapport ta' Jannar 2017, "b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni 8, li ġiet implimentata b'mod sodisfaċenti, u soġġetti għall-applikazzjoni Prattika, ir-rakkomandazzjonijiet 2, 7 u 12. Waqt li l-progress fl-implimentazzjoni ta' xi rakkomandazzjonijiet kien qed javvanza tajjeb, il-*momentum* tar-riforma tul l-2017 ġeneralment intilef, u batta l-pass tat-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet li fadal, flimkien mar-riskju li jerġgħu jinfetħu kwistjonijiet li r-rapport ta' Jannar 2017 kien qies li ngħalqu. L-isfidi u d-dubji għall-indipendenza ġudizzjarja wkoll kienu sors persistenti ta' tħassib. Dan intqal ukoll mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu, fejn stieden lir-Rumanija "biex tiffoka l-isforzi tagħha fuq li tkompli tikkonsolida l-progress, biex tevita li tagħmel passi lura u biex tindirizza għal kollox it-tħassib u r-rakkomandazzjonijiet kollha stabbiliti mill-Kummissjoni fir-rapport tagħha."⁴

Dan ir-rapport iqis is-sitwazzjoni minn Novembru 2017. Sensiela ta' passi mir-Rumanija mir-rapport ta' Jannar 2017 kienu jeħtieġu li l-Kummissjoni terġa' teżamina l-bażi għall-valutazzjoni ġenerali tagħha, waqt li tqis ukoll li l-Kummissjoni ta' Venezja reċentement ħarġet żewġ opinjonijiet dwar il-bidliet leġiżlattivi Rumani. Għalhekk, minbarra li jivvaluta l-progress dwar ir-rakkomandazzjonijiet, dan ir-rapport jistabbilixxi wkoll fejn l-iżviluppi daru matul il-progress fuq kwistjonijiet li l-Kummissjoni kienet tqis b'mod pożittiv f'Jannar 2017. Dan jikkonċerna l-progress fuq il-Parametru Referenzjarju Wieħed (Indipendenza ġudizzjarja u r-Riforma Ġudizzjarja) u il-Parametru Referenzjarju Tlieta (It-trattament tal-Korruzzjoni fil-Livelli Għolja). B'riżultat ta' dan, it-12-il rakkomandazzjoni fir-rapport ta' Jannar 2017 ma għadhomx biżżejjed biex jagħlqu il-MKV u minħabba dan huma stabbiliti rakkomandazzjonijiet addizzjonali f'dan ir-rapport.

Bħal fis-snin preċedenti, dan ir-rapport huwa r-riżultat ta' proċess ta' analiżi bir-reqqa mill-Kummissjoni, li jieħu mill-kooperazzjoni mill-qrib mal-Istituzzjonijiet Rumani, kif ukoll il-kontribut tas-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati l-oħra, inklużi l-Istati Membri l-oħra.

¹ COM(2017) 44 - https://ec.europa.eu/info/files/progress-report-romania-2017-com-2017-44_en. Wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ministru, is-17 ta' Ottubru 2006 (133339/06), il-Mekkaniżmu ġie stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2006 (C(2006) 6569).

² Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika, it-12 ta' Diċembru 2017 - https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/20171212-st15587_en.pdf. L-erba' parametri referenzjarji li japplikaw għar-Rumanija huma stabbiliti fil-paġna 1 tar-Rapport Tekniku ta' akkumpanjament.

³ COM(2017) 751 - https://ec.europa.eu/info/files/progress-report-romania-2017-com-2017-751_en.

⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika, it-12 ta' Diċembru 2017 - https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/20171212-st15587_en.pdf

2. IS-SITWAZZJONI ĠENERALI

Ir-rapport ta' Jannar 2017 innota li kien hemm fatturi soċjetali, legali u politiċi li, għalkemm ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-MKV u mhux koperti mir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, "għandhom impatt dirett fuq l-abilità li ssir ir-riforma u b'mod partikolari, għamluha aktar diffiċli għar-Rumanija li turi li r-riforma qabdet fuq bażi permanenti". Fost il-punti li ssemew hemm prattika leġiżlattiva li għad trid tiżviluppa prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, konfrontazzjoni bejn l-atturi statali, u ambjent medjatiku diffiċli.

Waqt li dawn il-fatturi usa' huma lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni dirett tal-MKV, dawn għandhom impatt ċar fuq l-avanz tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-ebda wieħed minn dawn il-fatturi ma rreġistra titjib mir-rapport ta' Jannar 2017. Il-bidliet leġiżlattivi ewlenin saru bl-għaġla bl-użu ta' proċeduri ta' urġenza bi ftit konsultazzjoni. L-imħallfin u l-prosekuturi komplew jiffaċċjaw attacki personali fil-media, bil-mekkaniżmi għal rimedju ma jkunux suffiċjenti. Fergħat differenti tal-Istat kienu involuti f'kunflitt u f'diversi proċedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Huwa wkoll il-każ li s-soċjetà ċivili, li kif ġie enfasizzat fir-rapport taqdi rwol prinċipali fir-riforma, sabet lilha nnifisha mira għal aktar pressjoni. Is-sitwazzjoni pprovokat serje ta' dimostrazzjonijiet pubbliċi fejn ir-reazzjoni tal-awtoritajiet kompliet tqajjem kontroversja. Fl-istess ħin, media ħielsa u pluralistika għandha rwol importanti fiż-żamma ta' azzjonijiet ta' dawk bis-setgħa li jiġġudikaw, pereżempju biex tikxef każijiet ta' korruzzjoni potenzjali. Jenġtiegħ li jkun ċar li d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data huwa akkumpanjat minn obbligu fuq l-Istati Membri biex jiżgura li l-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni b'rabta mal-media tkun protetta.

Wieħed minn dawn il-fatturi usa' ġie diskuss b'mod pubbliku bi pretensjonijiet li l-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ġudizzjarji, l-aktar il-prosekuzzjoni, u s-Servizzi tal-Intelligence Rumen kienu s-sors ta' abbuż sistematiku, b'mod partikolari f'kawżi ta' korruzzjoni. Dawn il-ftehimiet ikklassifikati ssemew bħala r-raġuni għal bidliet leġiżlattivi għall-għarrieda u kritika qawwija tal-maġistratura. L-operazzjoni tas-servizzi tal-intelligence mhijiex kwistjoni tal-UE u ma taqax fil-parametri referenzjarji tal-MKV. Huwa r-rwol tal-qrati li jstabbilixxu jekk l-allegazzjonijiet ta' abbużi speċifiċi humiex ssostanzjati jew le u tkun meħtieġa investigazzjoni miftuħa u imparzjali biex ikun stabbilit jekk kienx hemm nuqqasijiet sistemiċi bħall-ġbir illegali ta' evidenza jew influwenza illegali fuq maġistrati, u jekk is-salvagwardji legali eżistenti jeħtieġix li jiġu msaħħa. Jidher ċar li huwa importanti li jiġi assigurat qafas fejn is-servizzi ta' intelligence jkunu taħt superviżjoni xierqa, fejn ir-reati jkunu jistgħu jiġu effettivament investigati u sanzjonati, waqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali, u fejn il-pubbliku jkun jista' jserraħ moħħu li l-indipendenza ġudizzjarja hija sikura. Għarfien espert minn Stati Membri oħra jista' jkun ta' valur għall-bini ta' sistema aktar b'saħħitha għal miżuri ta' sorveljanza użati mill-prosekuzzjoni u għall-kollaborazzjoni bejn is-servizzi ta' intelligence u l-prosekuzzjoni essenzjali għat-twettiq ta' kriminalità serja bħalma hu t-terroriżmu u ċ-ċiberkriminalità.

3. VALUTAZZJONI TAL-PROGRESS BIEX JINTLAĦQU R-RAKKOMANDAZZJONIJIET STABBILITI FIR-RAPPORT TAL-MKV TA' JANNAR 2017

3.1. Parametru Referenzjarju Wieħed: L-indipendenza tal-Ġudikatura u r-riforma tas-Sistema Ġudizzjarja

Qabel ma nħarsu lejn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi, din it-taqsimha tħares lejn l-iżviluppi f'żewġ oqsma li kienu jesigħu li l-Kummissjoni terġa' teżamina l-bażi tal-valutazzjoni f'Jannar 2017.

Liġijiet dwar il-ġustizzja u garanziji legali għall-indipendenza ġudizzjarja

It-tliet liġijiet dwar il-Ġustizzja, li jmorru lura għall-2004, jirregolaw l-*istatus* tal-imħallfin u l-prosekuturi, l-organizzazzjoni u t-tħaddim tal-qrati u tal-uffiċji tal-prosekuzzjoni, u l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura nnifsu. Il-liġijiet dwar il-Ġustizzja kienu bażi essenzjali għall-valutazzjoni pożittiva tal-progress tar-Rumanija fl-MKV f'Jannar 2017. Ir-rapport ta' Novembru 2017 diġà kien enfasizza l-ħtieġa biex il-Gvern u l-Parlament jiżguraw proċess leġiżlattiv miftuħ, trasparenti u kostruttiv li fih l-indipendenza ġudizzjarja u l-opinjoni tal-ġudikatura jingħataw il-valur u l-konsiderazzjoni li jisthoqqilhom⁵. Ir-rapport fakkar ukoll l-importanza li titqies l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja, bħala l-aħjar mod biex tiġi żgurata s-sostenibilità tar-riforma u li jiġu ssodisfati l-parametri referenzjarji tal-MKV.

Il-liġijiet dwar il-ġustizzja emendata issa huma fis-sehħ⁶. Dawn fihom għadd ta' miżuri li jdgħifu l-garanziji legali għall-indipendenza ġudizzjarja li x'aktarx jimminaw l-indipendenza effettiva tal-imħallfin u l-prosekuturi, u b'hekk il-fiduċja tal-pubbliku fil-ġudikatura. Dan kien il-fowkus tar-reazzjonijiet negattivi mill-ġudikatura u s-soċjetà ċivili. Id-dispożizzjonijiet problematiċi ewlenin jinkludu b'mod partikolari: It-twaqqif ta' taqsima speċjali tal-prosekuzzjoni għall-investigazzjoni ta' reati mwettqa mill-maġistrati, dispożizzjonijiet ġodda dwar ir-responsabilità materjali tal-maġistrati għad-deċizzjonijiet tagħhom, skema ġdida tal-irtirar kmieni,⁷ restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-espressjoni tal-maġistrati⁸ u raġunijiet estiżi għat-tneħħija ta' membri tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura^{9,10}.

L-ebda waħda minn dawn il-bidliet ma tikkorrispondi mar-rakkomandazzjonijiet tal-MKV. Ir-rakkomandazzjoni li speċifikament talbet għal bidla leġiżlattiva fil-kamp ta' applikazzjoni ta' liġijiet dwar il-ġustizzja kkonċernaw il-proċedura tal-ħatra tal-prosekuturi superjuri¹¹. Din ma ġietx implimentata, u l-impatti kumulattivi ta' bidliet leġiżlattivi aktar jispiċċaw idgħajfu l-verifiki u bilanċi sottostanti tal-indipendenza operattiva tal-prosekuturi, milli jkomplu jsaħħu r-rwol tal-Ministru tal-Ġustizzja¹². L-emendi jqajmu wkoll mistoqsijiet rigward il-kapaċità tal-prosekuzzjoni li tkompli l-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' livell għoli bl-istess grad ta' indipendenza.

Ir-riskju li dawn l-elementi, b'mod indipendenti iżda wkoll f'termini tal-effett kumulattiv tagħhom, jistgħu jirriżultaw fi pressjoni fuq l-imħallfin u l-prosekuturi, u fl-aħħar mill-aħħar idgħajfu l-indipendenza kif ukoll l-effiċjenza u l-kwalità tal-ġudikatura, ġie enfasizzat ukoll minn għadd ta' osservaturi minn barra: b'mod speċjali l-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill

⁵ Il-Kumitat Konsultattiv ta' Mħallfin Ewropej tal-Kunsill tal-Ewropa (CCJE) f'opinjonijiet mgħoddija rakkomanda li "*l-ġudikatura jenħtieġ li tiġi kkonsultata u taqdi rwol attiv fit-tħejija ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-istatus tagħhom u t-tħaddim tas-sistema ġudizzjarja*". "The position of the judiciary and its relation with the other powers of state in a modern democracy", Opinion No 18 (2015).

⁶ Il-Liġi Nru 207/2018 li temenda u tikkompleta l-Liġi 304/2004 dwar l-organizzazzjoni ġudizzjarja daħlet fis-seħħ fl-20 ta' Lulju, il-Liġi 234/2018 li temenda u tikkompleta l-Liġi Nru 317/2004 dwar il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura daħlet fis-seħħ fil-11 ta' Ottubru, il-Liġi Nru 242/2018 li temenda u tikkompleta l-Liġi Nru 303/2004 dwar l-istatut tal-imħallfin u l-prosekuturi daħlet fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru.

⁷ L-Ordinanza ta' Emerġenza 92/2018 tal-15 ta' Ottubru 2018 tipposponi b'sena d-dħul fis-seħħ tal-iskema ta' rtirar kmieni, iżda ma tabbandunahix kif irrakkomandat mill-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja.

⁸ Din id-dispożizzjoni jenħtieġ li tiġi kkonsiderata wkoll flimkien ma' restrizzjonijiet fuq il-libertà li wieħed jirċievi u jaqşam informazzjoni dwar proċedimenti kriminali fl-emendi għall-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali.

⁹ L-Ordinanza ta' Emerġenza 92/2018 introduċiet aktar bidliet fil-proċedura ta' revoka.

¹⁰ Dawn id-dispożizzjonijiet huma deskritti f'aktar dettall fir-rapport tekniku li jakkumpanja dan ir-rapport.

¹¹ Ara r-rakkomandazzjoni 1 hawn taħt.

¹² Speċifikament fir-rigward tar-Rumanija, il-Kummissjoni ta' Venezja enfasizzat il-ħtieġa li tizzied l-indipendenza tal-prosekuturi (l-Opinjoni 924/2018).

tal-Ewropa ,¹³ il-Grupp ta' Stati Kontra l-Korruzzjoni (GRECO),¹⁴ Stati Membri u sħab internazzjonali oħra¹⁵.

Dawn il-valutazzjonijiet jenfasizzaw ukoll li l-verifiki kostituzzjonalità huma importanti, iżda mhumiex l-unika kwistjoni involuta: huma ma jhdux post il-ħtieġa għal dibattitu dwar l-għażliet ta' politika sottostanti għal bidliet kbar.

Il-Kummissjoni ta' Venezja tat opinjoni preliminari f'Lulju, iżda madankollu l-liġijiet ġew ippromulgati *tale quale*. Barra minn hekk, il-Gvern adotta bosta Ordinanze ta' Emerġenza li enfasizzaw xi wħud mill-problemi identifikati, pereżempju billi saħħu l-awtorità tal-Ministru tal-Ġustizzja fuq prosekuturi b'mod partikolari permezz tal-iskattar tal-proċedura dixiplinari¹⁶. Id-Deċiżjoni tal-Gvern biex jemenda d-dispożizzjonijiet li jstabilixxu dipartiment speċjali għall-investigazzjoni tal-maġistrati b'dan il-mod, u li jimponi proċeduri ġodda dwar kif dan il-korp ikun stabbilit mill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, qajmet aktar mistoqsijiet dwar l-indipendenza tad-dipartiment¹⁷. Hija qajmet ukoll mistoqsijiet dwar ir-rieda tal-Gvern li jindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja biss b'mod selettiv. F'dan is-sens, intilfet opportunità.

It-tkeċċija tal-Kap Prosekutur tad-Direttorat Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni (DNA) u l-pressjoni politika fuq l-istituzzjonijiet ġudizzjarji

Fl-istess ħin bħall-emendi legali, deċiżjonijiet speċifiċi enfasizzaw il-konsegwenzi tal-konċentrazzjoni tal-poter f'idejn il-Ministru tal-Ġustizzja. Dan kien il-każ l-ewwel darba minħabba t-tkeċċija tal-Kap Prosekutur tad-Direttorat Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni (DNA) fuq talba tal-Ministru tal-Ġustizzja. Fl-ewwel stadju, il-President tar-Rumanija ċaħad il-proposta ta' tkeċċija, skont l-opinjoni negattiva tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura. Madankollu, Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali f'Mejju dwar il-proċedura ta' tkeċċija saħħet ix-xejra ta' aktar setgħa għall-Ministru¹⁸: wara din id-deċiżjoni l-President kien mitlub jiffirma digriet li jimplimenta r-riżenja f'Lulju. Il-konċentrazzjoni ta' poter f'idejn il-Ministru tal-Ġustizzja kompliet tiġi enfasizzata mid-deċiżjoni tal-Ministru li jipproponi l-ħatra ta' Kap Prosekutur tad-DNA, minkejja opinjoni negattiva tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura li tiddikjara li l-kandidat naqas milli jissodisfa ħafna mill-kriterji ewlenin. Dawn l-iżviluppi wkoll għandhom konsegwenzi għall-irreversibilità tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni¹⁹.

Barra minn hekk, il-proċedura li tikkonċerna l-Kap Prosekutur tad-DNA ġiet riflessa minn passi oħra kontra l-istituzzjonijiet ġudizzjarji ewlenin. Fl-24 ta' Ottubru, il-Ministru tal-Ġustizzja nieda l-proċess li jkeċċi Prosekutur Ġenerali, fuq l-istess xejra bħall-proċess ta' tkeċċija tal-Kap Prosekutur tad-DNA. Aktar kmieni f'Ottubru, il-Kamra tad-Deputati kienet diġà rreferiet lill-Prosekutur Ġenerali lill-Qorti Kostituzzjonali b'rabta mal-arranġament ta' ħidma mis-servizzi ta'

¹³ L-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja Nru 924/2018 tal-20 ta' Ottubru 2018.

¹⁴ Greco-AdHocRep(2018)2 tat-23 ta' Marzu 2018.

¹⁵ Dikjarazzjoni konġunta tad-29 ta' Ġunju 2018 f'isem il-Belġju, il-Kanada, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, in-Norveġja, l-Isvezja, l-Isvizzera, u l-Istati Uniti tal-Amerka. Jinsab fuq is-sit web tal-ambaxxata ta' wieħed mill-firmatarji: <https://www.swedenabroad.se/en/embassies/romania-bucharest/current/news/joint-statement2/>.

¹⁶ L-Ordinanza ta' Emerġenza 92/2018.

¹⁷ L-Ordinanza ta' Emerġenza 90/2018.

¹⁸ Id-Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali 358 tat-30 ta' Mejju 2018. Il-Kummissjoni ta' Venezja indikat ukoll inkonsistenzi fil-każistika tal-Qorti Kostituzzjonali fejn deċiżjonijiet preċedenti ma qajmux kwistjonijiet ta' kostituzzjonalità fir-rigward tar-rwol tal-President il-proċedura tal-ħatra tal-prosekuturi superjuri u saħansitra indikaw li r-rwol tal-President f'dik il-proċedura ma setax ikun purament formali.

¹⁹ Ara wkoll il-Parametru Referenzjarju Tlieta ta' hawn taħt.

intelligence. Il-Gvern ħa wkoll id-deċiżjoni li jirreferi l-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja għall-Qorti Kostituzzjonali²⁰. Il-konverġenza ta' azzjoni kontra dawn l-istituzzjonijiet ġudizzjarji ewlenin għandha implikazzjonijiet ċari għall-indipendenza ġudizzjarja.

Hemm ukoll tħassib dwar il-ħidma tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja. Rapporti suċċessivi tal-MKV sa Jannar 2017 kienu nnutaw b'mod pożittiv il-progress fl-indipendenza u l-professjonaliżmu tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja. Madankollu, minn Novembru 2017 kienu qed jitqajmu mistoqsijiet u r-relazzjonijiet mal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura kkumplikaw ruħhom²¹. Ir-rapport ta' Novembru 2017 għamel referenza speċifika għall-Ispezzjoni Ġudizzjarja fil-kuntest tal-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ġudizzjarji.

L-Ispezzjoni Ġudizzjarja issa bdiet tattira kritika sinifikanti. Inbdew serje ta' investigazzjonijiet dixxiplinari kontra kapijiet tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji ewlenin²². Ħafna mil-maġistrati kkonċernati kienu meqjusa wkoll bħala vuċijiet kritiċi dwar il-proċeduri leġiżlattivi li għaddejja. Jenħtieġ li jiġi nnutat li l-Kunsill Konsultattiv tal-Imħallfin Ewropej u l-Kummissjoni ta' Venezja t-tnejn issottolinjaw l-importanza li l-imħallfin jenħtieġ li jkunu liberi li jikkummentaw f'dibattiti pubbliċi rilevanti²³.²⁴ L-Ispezzjoni Ġudizzjarja wettqet ukoll serje ta' verifiki fl-uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali u tad-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni. Il-fatt li f'mill-inqas żewġ kawżi, l-informazzjoni waslet għand l-istampa qabel it-tmiem tal-perjodu ta' kontroll partikolari, kien sors ta' kontroversja²⁵.

Barra minn hekk, ma kien hemm ebda kompetizzjoni organizzata mill-Kunsill Superjuri biex jinħatar maniġment ġdid tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja, għalkemm il-mandat tat-tim ta' tmexxija skada fl-aħħar ta' Awwissu 2018. Id-Deċiżjoni tal-Gvern biex isolvi s-sitwazzjoni billi jadotta Ordinanza ta' Emerġenza biex jinnomina lit-tim attwali *ad interim* minflok iħalli dan f'idejn il-Kunsill Superjuri, ma għamlet xejn biex ittaffi t-thassib²⁶.

Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura ma kienx kapaċi jaġixxi bħala verifika effettiva u jilħaq bilanċ biex jiddefendi l-indipendenza tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji taħt pressjoni, li huwa rwol kostituzzjonali importanti enfasizzat fir-rapport ta' Jannar 2017. Differenzi fil-Kunsill li saru evidenti fil-laqgħat tiegħu mas-servizzi tal-Kummissjoni għamluha dejjem aktar diffiċli għall-

²⁰ Il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet fis-7 ta' Novembru 2018.

²¹ Eżempju ta' dan kienet reazzjoni pożittiva tal-ġestjoni tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja meta l-Ministru tal-Ġustizzja kien ippropona li jpoġġi l-Ispezzjoni Ġudizzjarja taħt l-awtorità tiegħu f'Awwissu 2017. L-Ispezzjoni Ġudizzjarja kkontestat id-deċiżjoni tal-KSM 13044/2.08.2018 biex tirrifjuta rapport minn Spezzjoni Ġudizzjarja li l-Prosekutur Ġenerali kienet bi ksur tal-kodiċi deontologiku.

²² Inbdew proċeduri dixxiplinari kontra l-Prosekutur Ġenerali, kontra l-President tal-Qorti Għolja ta' Kassazzjoni u Ġustizzja, l-eks Kap Prosekutur tad-Direttorat Nazzjonali Kontra l-korruzzjoni, il-Viċi Prosekutur tad-Direttorat Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni, u l-Kap u d-Deputat Kap tat-Taqsima f'tad-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni.

²³ Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem enfasizzat li kwalunkwe interferenza mal-libertà ta' espressjoni ta' mħallef f'pożizzjoni manigjerjali titlob għal skrutinju mill-qrib u li mistoqsijiet dwar il-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja jgawdu minn grad għoli ta' protezzjoni taħt id-dritt ta' libertà ta' espressjoni. Il-Qorti enfasizzat ukoll l-"effett dissważiv" li għandha l-biża' mis-sanzjonijiet fuq l-eżerċizzju tal-libertà ta' espressjoni, b'mod partikolari fuq imħallfin oħra li jixtiequ jieħdu sehem fid-dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet relatati mal-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-ġudikatura. Is-sentenza tal-QEDB fil-Kawża Baka vs l-Ungerija tat-23 ta' Ġunju 2016, numru tal-applikazzjoni nru 20261/12, paragrafi 162-167.

²⁴ Fl-opinjoni tagħha dwar il-liġijiet dwar il-Ġustizzja, il-Kummissjoni ta' Venezja esprimiet ukoll tħassib fir-rigward tar-restrizzjonijiet imposti fuq il-libertà tal-espressjoni tal-imħallfin u l-prosekuturi fil-liġi emendata 303/2014. L-Opinjoni 924/2018 tal-Kummissjoni ta' Venezja, p 23.

²⁵ Ara r-Rapport Tekniku — SWD(2018) 551 — Rakkomandazzjoni 7, p 19.

²⁶ Ara r-Rapport Tekniku — Rakkomandazzjoni 7.

Kunsill biex ikun effettiv bħala l-vuċi għas-sistema ġudizzjarja, b' mod partikolari meta jiġi kkonsultat dwar leġislazzjoni kif ukoll bħala maniġer tas-sistema ġudizzjarja. Anki meta l-Kunsill iressaq opinjoni unanima, f'kawżi sinifikanti din ġiet injorata²⁷. Għalkemm l-2018 ra istituzzjonijiet ġudizzjarji kif ukoll mħallfin u prosekuturi individwali soġġetti għal kritika pubblika partikolarment qawwija minn rappreżentanti tal-Gvern u tal-Parlament, il-Kunsill wera nuqqas ta' ħeġġa biex jieħu deċiżjonijiet *ex officio* biex iwieġeb għal *attakki fuq l-indipendenza tal-ġudikatura*. Dan joħloq ir-riskju li l-maġistrati jiġu dissważi milli jaqdu r-rwol normali tagħhom bħala fergħa tal-istat biex jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar kwistjonijiet rilevanti għas-sistema ġudizzjarja²⁸.

L-indipendenza tal-ġudikatura

Rakkomandazzjoni 1: *Tiġi stabbilita sistema robusta u indipendenti ta' kif jinħatru l-ogħla prosekuturi, li tkun ibbażata fuq l-appoġġ tal-Kummissjoni ta' Venezja.*

Rakkomandazzjoni 2: *Tiżgura li l-Kodiċi ta' Kondotta għall-membri parlamentari li bħalissa qed ikun żviluppjat fil-Parlament jinkludi dispożizzjonijiet ċari dwar ir-rispett reċiprodu u jagħmilha ċara li l-membri parlamentari u l-proċess parlamentari jenħtieġ li jirrispettaw l-indipendenza tal-ġudikatura. Kodiċi ta' Kondotta simili jista' jiġi adottat għall-Ministri.*

Ħatriet

F'Jannar 2017, il-Kummissjoni tenniet ir-rakkomandazzjoni tagħha li titqiegħed fis-seħħ sistema trasparenti ta' ħatriet għall-prosekuturi ewlenin ibbażata fuq il-mertu, li tkun tipprovdi biżżejjed salvagwardji kontra l-politiċizzazzjoni. Rapporti suċċessivi tal-MKV enfasizzaw id-dgħufijiet tal-verifiki u l-bilanċi fil-proċedura, u indikaw il-grad ta' diskrezzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja fl-għażla tal-kandidati, ir-rwol limitat tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (KSM) u sa fejn l-istess proċedura ta' ħatra u sensja tapplika livell ta' ġestjoni fi grad baxx fil-prosekuzzjoni.

Ir-rapport ta' Novembru 2017 innota n-nuqqas ta' progress, u enfasizza li l-emendi li għaddejjin ta' liġijiet dwar il-ġustizzja taw opportunità biex dan jiġi indirizzat. Ir-rapport fakkar ukoll fil-ħtieġa għal sejħa fuq il-parir tal-Kummissjoni ta' Venezja. L-awtoritajiet Rumani ma wettqux segwitu fuq din ir-rakkomandazzjoni, iżda l-Kummissjoni ta' Venezja ġiet issekwestrata mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa²⁹. L-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja speċifikament tenfasizza l-ħtieġa għal bidliet biex jiġi żgurat proċess ta' ħatra newtrali u oġġettiv, b' bilanċ bejn ir-rwoli tal-istituzzjonijiet differenti³⁰. Madankollu, l-emendi għall-liġijiet dwar il-ġustizzja dgħajfu r-rwol tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura u r-rwol tal-President tar-Rumanija fil-proċess tal-ħatra tal-prosekuturi superjuri,

²⁷ Pereżempju: opinjonijiet negattivi dwar l-emendi leġislattivi dwar il-liġijiet dwar il-Ġustizzja f' Settembru u Novembru 2017, opinjoni negattiva fuq it-tkeċċija tal-Kap Prosekutur tad-Direttorat Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni f' Marzu 2018, opinjoni negattiva dwar kandidati għall-ħatra tal-Kap Prosekutur tad-Direttorat Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni f' Ottubru 2018.

²⁸ Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem enfasizzat li kwalunkwe interferenza mal-libertà ta' espressjoni ta' mħallf f'pożizzjoni apikali tirrikjedi skrutinju mill-qrib u li mistoqsijiet dwar il-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tgawdi minn grad għoli ta' protezzjoni taħt id-dritt ta' libertà ta' espressjoni. Is-sentenza tal-QEDB fil-Kawża Baka vs l-Ungerija tat-23 ta' Ġunju 2016.

²⁹ F'April 2018, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa talbet opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar l-emendi tat-tliet Liġijiet dwar il-Ġustizzja.

³⁰ L-Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja Nru 924/2018 tal-20 ta' Ottubru 2018. Il-Kummissjoni ta' Venezja rrikonoxxiet li l-bidliet meħtieġa biex jiġi żgurat l-aħjar bilanċ bejn ir-rwoli tal-istituzzjonijiet differenti jistgħu jeħtieġu bidla Kostituzzjonali.

u saħħu r-rwol tal-Ministru tal-Ġustizzja. Din il-konċentrazzjoni ulterjuri ta' poter f'idejn il-Ministru tal-Ġustizzja titbiegħed minn din ir-rakkomandazzjoni.

Kodiċijiet ta' kondotta

Mill-aħħar rapport tal-MKV 'l hawn, kompliet il-kritika tas-sistema ġudizzjarja u tal-maġistrati fil-mezzi tax-xandir, kemm mill-Gvern kif ukoll mir-Rappreżentanti Parlament. Matul l-2018, kien hemm kritika regolari mmirata lejn il-ġudikatura kollha kemm hi, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet li jitrattaw il-korruzzjoni f'livell għoli, kif ukoll maġistrati individwali. Din tinvolvi riskju ċar għall-fiduċja tal-pubbliku fil-ġudikatura³¹. Dan jikkonferma l-ħtieġa għal azzjoni li tiskoraġġixxi l-isfidi miftuħa għall-indipendenza tal-ġudikatura u l-awtorità tas-sentenzi tal-qorti. Saru tentattivi għal rimedji permezz tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura u permezz ta' maġistrati individwali li hađu l-kawżi tagħhom stess il-qorti. Ir-rakkomandazzjoni tal-MKV dwar Kodiċi ta' Kondotta għal membri parlamentari fittxet li jkun hemm rikonossiment istituzzjonali tal-problema, u proċess biex jittieħdu passi biex tiġi indirizzata.

Ir-rapport ta' Novembru 2017 irrikonoxxa l-adozzjoni ta' Kodiċi ta' Kondotta mill-Parlament, kif ukoll mill-Gvern. It-tama kienet li din tkun tinġarr permezz ta' għodda Prattika biex tiġi indirizzata l-problema. Madankollu, l-evidenza turi li, b'nuqqas ta' dispożizzjonijiet espliċiti dwar ir-rispett għall-indipendenza tal-ġudikatura, il-Kodiċi għadu mhux qed iwettaq din il-funzjoni. Il-Kummissjoni ma ġietx mgħarrfa b'xi kawżi fejn inbdew il-proċeduri fil-Parlament b'risposta għal dikjarazzjoni li taffettwa l-indipendenza ġudizzjarja.

Riforma ġudizzjarja

Rakkomandazzjoni 3: *Jenħtieġ li l-fażi attwali fir-riforma tal-Kodiċi Kriminali tar-Rumanija tiġi konkluża, bil-Parlament li jmexxi 'l quddiem il-pjanijiet tiegħu biex jadotta l-emendi ppreżentati mill-Gvern fl-2016 wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet ġudizzjarji. Jenħtieġ li l-Ministeru għall-Ġustizzja, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistraturau l-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja jiffinalizzaw pjan ta' azzjoni biex jiżguraw li l-iskadenza l-ġdida għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jkun fadal tal-Kodiċi tal-Proċeduri Ċivili jkun jistgħu jiġu rrispettati.*

Rakkomandazzjoni 4: *Biex itejbu aktar it-trasparenza u l-prevedibilità tal-proċess leġislattiv, u jsaħħu s-salvagwardji intern fl-interess tal-irreversibilità, jenħtieġ li l-Gvern u l-Parlament jiżguraw trasparenza sħiħa u jikkunsidraw kif xieraq il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet rilevanti u mal-partijiet ikkonċernat fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fl-attività leġislattiva dwar il-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, dwar il-liġijiet dwar il-korruzzjoni, dwar il-liġijiet dwar l-integrità (inkompatibiltajiet, kunflitti ta' interess, ġid mhux ġustifikat), dwar il-liġijiet ta' ġustizzja (marbuta mal-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja) u dwar il-Kodiċi Ċivili u l-Kodiċi tal-Proċeduri Ċivili, waqt li jispiraw ruħhom mit-trasparenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet stabbiliti mill-Gvern fl-2016.*

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

Rakkomandazzjoni 3 tkopri l-finalizzazzjoni tar-riforma tal-Kodiċi tal-Proċeduri Ċivili u l-iżviluppi juru n-nuqqas ta' stabbiltà fl-iżvilupp ta' tali leġislazzjoni ewlenija. F'Diċembru 2016, ġiet stabbilita skadenza ġdida għal Jannar 2019 għad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet li fadal ta' dan il-Kodiċi. Ir-rapport tal-MKV ta' Novembru 2017 innota li kienu għaddejnin passi biex jipprovdu l-infrastruttura meħtieġa biex takkomoda s-sistema l-ġdida. Iżda l-Parlament adotta emendi f'Ġunju biex għamel

³¹ Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec (2010) 12 dwar l-imħallfin: indipendenza, effiċjenza u responsabilitajiet, §18: "Jekk jikkumentaw dwar id-deċiżjonijiet tal-imħallfin, jenħtieġ li l-poteri eżekuttivi u leġislattivi jevitaw kritika li timmina l-indipendenza jew il-fiduċja tal-pubbliku fil-ġudikatura."

bidliet sostanzjali tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, inkluża t-tneħħija tal-istadju tal-kamra tal-kunsill fil-proċedura ċivili. Xi wħud minn dawn l-emendi ġew ikkontestati b'suċċess fil-Qorti Kostituzzjonali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja. Il-liġi għalhekk jeħtieġ li tiġi riveduta fil-Parlament u dan il-proċess jenħtieġ li jqis b'mod partikolari l-ammont ta' xogħol tal-Qorti Għolja ta' Kassazzjoni u l-Ġustizzja.

Kodiċijiet kriminali

Ir-rapport tal-MKV ta' Novembru 2017 innota li r-rakkomandazzjoni biex tiġi konkluża l-fażi attwali tar-riforma tal-Kodiċijiet Kriminali tar-Rumanija għadha pendenti. Ir-rakkomandazzjoni kienet ibbażata fuq il-fatt li kien hemm proċess gradwali tal-emendi li qed jiżviluppaw permezz ta' konsultazzjoni u li jirriflettu l-ħtieġa li jadattaw għal deċiżjonijiet riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali u għat-traspożizzjoni tad-Direttivi tal-UE³². F'Novembru 2017, il-Gvern adotta abbozz ta' liġi. Madankollu, meta bdiet id-diskussjoni f'Kumitat Parlamentari f'April 2018, din kienet ibbażata fuq l-abbozzi kompletament ġodda u għadd kbir ħafna ta' emendi. Dan kien rifless fl-abbozzi finali adottati mill-Parlament f'Ġunju u Lulju.

L-emendi jikkostitwixxu riforma profonda tal-Kodiċijiet tal-2014, inkluż fl-aspetti proċedurali ta' investigazzjonijiet u proċessi kriminali u fil-bilanċ bejn l-interess pubbliku fis-sanzjonar tal-kriminalità, id-drittijiet tal-vittmi u d-drittijiet ta' persuni suspettati. L-emendi jnaqqsu wkoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-korruzzjoni bħala reat, li jekk jiġi kkonfermat meta l-liġijiet jirritornaw il-Parlament wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali jkun jinvolvi rivalutazzjoni tal-progress li sar sa issa taħt il-MKV³³.

L-emendi ma daħlux fis-seħħ minnħabba li dawn ġew ikkontestati fil-Qorti Kostituzzjonali. F'Ottubru, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li għadd sostanzjali minn dawn l-emendi jmorru kontra l-kostituzzjoni³⁴. Barra kwistjoni ta' kostituzzjonalità, dawn l-emendi qajmu għadd wiesa' ta' tħassib legali u politiku, enfasizzat minn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u s-soċjetà ċivili fir-Rumanija, kif ukoll bosta sħab barra r-Rumanija³⁵.

Fl-20 ta' Ottubru, il-Kummissjoni ta' Venezja adottat opinjoni dwar l-emendi għall-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali³⁶. Il-konklużjonijiet tal-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja huma kritiċi ħafna, u jindikaw tħassib tal-istat tad-dritt f'reati li ma jiġux ikkastigati, nuqqas tal-kwalità tal-leġiżlazzjoni, u nuqqasijiet fit-thejġija tagħha kif ukoll kontradizzjonijiet mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u mal-obbligi internazzjonali tal-pajjiż, speċjalment rigward il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ta' Venezja tirrakkomanda "li l-awtoritajiet Rumani jwettqu rivalutazzjoni globali tal-emendi għall-kodiċijiet kriminali u tal-proċedura kriminali, permezz ta' proċess ta' konsultazzjoni komprensiv u effikaċi, biex toħroġ bi proposta leġiżlattiva solida u koerenti, li tibbenefika minn appoġġ wiesa' fis-soċjetà Rumana, u li tqis b'mod sħiħ l-istandards applikabbli."

³² Pereżempju, id-Direttivi tal-UE dwar il-preżunzjoni ta' innoċenza u dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali.

³³ Ara wkoll il-Parametru Referenzjarju 3 hawn taħt.

³⁴ Deċiżjoni dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tat-12 ta' Ottubru u dwar il-Kodiċi Kriminali tal-25 ta' Ottubru 2018. Il-motivazzjonijiet tad-deċiżjonijiet għadhom ma ġewx ippublikati.

³⁵ Fl-4 ta' Ottobru, il-Kummissjoni Ewropea kitbet lill-gvern Rumani fejn talbet opinjonijiet dwar għadd ta' kwistjonijiet relatati mal-kompatibilità mad-dritt tal-UE, u rċeviet tweġiba fit-5 ta' Novembru, li tirreferi għas-segwitu pendenti għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

³⁶ L-Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja 930/2018.

It-trasparenza u l-prevedibilità tal-proċess leġislattiv għal-leġislazzjoni dwar ir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni

Ir-rapport ta' Novembru 2017 kien indika l-potenzjal tal-Kumitat Parlamentari Speċjali dwar is-Sistematizzazzjoni, l-Unifikazzjoni u l-Iżguraw tal-Istabilità Leġislattiva fil-Ġudikatura li jwaqqaf proċess ta' emendi prevedibbli, li jiżguraw id-dibattitu u l-konsultazzjoni pubblika.

Dan il-Kumitat ittrattata r-riformi tal-liġijiet dwar il-ġustizzja u l-Kodiċi Kriminali. Xi aspetti tal-proċedura leġislattiva ppreparati fil-Kumitat jistgħu jitqiesu bħala progress fir-rigward tal-passat: id-dibattiti jixxandru, l-abbozzi huma normalment disponibbli, u l-istituzzjonijiet ġudizzjarji huma mistiedna għad-dibattiti u jistgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom. Madankollu, l-għażla ta' proċeduri ta' urġenza llimitat għall-aħħar l-effettività u l-kredibilità ta' dawn il-fetħiet. L-ewwel nett għadu diffiċli li wieħed jifhem ir-raġunijiet oġġettivi ta' proċeduri ta' urġenza, kif ukoll il-fatt li l-urġenza ma ġietx evalwata mill-ġdid aktar tard, minħabba d-dubji fundamentali li tqajmu dwar l-abbozzi. Dawn id-dubji ġew espressi mill-istituzzjonijiet Rumani bħall-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja, u minn sħab esterni bħall-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri l-oħra. In-nuqqas ta' dibattitu kien partikolarment evidenti minħabba li, wara l-proċeduri aċċellerati fil-kumitat, ftit li xejn sar dibattitu dwar dawn il-kwistjonijiet ewlenin ta' politika pubblika fiż-żewġ Kmamar tal-Parlament stess. Anki ladarba f'Ottubru tlesta l-proċess tal-liġijiet dwar il-Ġustizzja, il-Gvern għamel bidliet oħra bl-Ordinanza ta' Emerġenza, saħnsitra b'inqas opportunità għal konsultazzjoni. Dan il-proċess iħalli sfida enormi għall-implimentazzjoni għall-awtoritajiet ġudizzjarji u riskju reali għall-għoti tal-ġustizzja, li ma jidherx li tqieset fil-proċess.

Il-Membri tal-Parlament sostnew li l-proċess leġislattiv huwa trasparenti u li jqis l-opinjoni tal-maġistratura. Huwa veru li l-liġi jinkludu emendi ssuġġeriti mill-maġistratura nnifisha. Madankollu, dan ma jgħoddx għall-maġġoranza tal-aktar dispożizzjonijiet kontroversjali, li għaddew f'liġi bi ftit jew l-ebda ċarezza dwar għaliex ġew miċħuda l-opinjoni tal-ġudikatura. L-iskala tal-kwistjonijiet imqajma mill-Qorti Kostituzzjonali, dwar kwistjonijiet kostituzzjonali biss, għal darb'oħra tenfasizza n-nuqqas ta' tħejjija ta' dawn l-emendi u l-konsegwenzi tan-nuqqas li jintuża l-għarfien espert tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji ewlenin. Kif indikat ukoll mill-Kummissjoni ta' Venezia u GRECO, meta jiġu previsti bidliet legali fundamentali bħal dawn, jenħtieġ li jkun mistenni li l-Parlament iwettaq dibattitu ġenwin dwar il-ħtiġijiet tas-soċjetà u dwar l-impatti tal-emendi, ibbażati fuq konsultazzjonijiet wiesgħa: dawn huma kwistjonijiet ta' politika pubblika, u l-kwistjonijiet ta' kostituzzjonalità ttestjat fil-Qorti Kostituzzjonali ma jistgħux jitqiesu bħala l-uniċi kwistjonijiet rilevanti. Il-fatt li l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezia dwar il-Ġustizzja sabet li għad fadal problemi kbar fil-liġijiet, u t-tħassib li l-emendi għall-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jista' ma jkunx konsistenti mal-obbligi legali tar-Rumanija fil-livell tal-UE u f'dak internazzjonali, juru r-riskji ta' proċeduri aċċellerati. Dan il-proċess ma jistax jitqies li huwa f'konformità mar-rakkomandazzjoni.

Rakkomandazzjoni 5: *Jenħtieġ li l-Gvern jimplementa Pjan ta' Azzjoni xieraq biex jindirizza l-kwistjoni tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qorti u tal-applikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-qorti mill-amministrazzjoni pubblika, inkluż mekkaniżmu li jipprova statistika preċiża biex jippermetti monitoraġġ futur. Jenħtieġ li jiżviluppa wkoll sistema interna ta' monitoraġġ li tinvolvi l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura u l-Qorti tal-Awdituri biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-Pjan ta' Azzjoni.*

Rakkomandazzjoni 6: *Jinħtieġ li l-Ġestjoni Ġudizzjarja Strateġika, jiġifieri l-Ministru tal-Ġustizzja, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja u l-Prosekutur Ġenerali jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni kif adottat u jdaħħlu fis-seħħ rapportar pubbliku komuni u regolari dwar l-implimentazzjoni tagħha, inklużi soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet ta' skarsezza ta' skrivani tal-qorti, volum ta' xogħol eċċessiv u dewmien fil-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet.*

Rispett għad-deċiżjonijiet tal-qorti.

Ir-rispett u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qorti huma parti integrali mill-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja kif stipulat fil-Parametru Referenzjarju Wieħed.³⁷ Wara kundanna tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-2016, ir-Rumanija pproponiet pjan ta' azzjoni lill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa biex jindirizza l-problemi strutturali tan-nuqqas ta' infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti kontra l-Istat³⁸. Dan il-pjan ta' azzjoni u l-miżuri addizzjonali meħtieġa mill-Kunsill tal-Kumitat Ewropew tal-Ministri huma ta' rilevanza diretta biex jindirizzaw din ir-rakkomandazzjoni.

Għaddejjin passi biex isir progress fuq il-pjan ta' azzjoni u f'Settembru ntbagħtet lista ta' miżuri li għandhom jittieħdu lill-Gvern. Il-proposti jinkludu emendi għall-qafas legali biex jiġġarantixxu l-eżekuzzjoni f'waqtha u mekkaniżmu biex jissorveljaw u jimpedixxu l-eżekuzzjoni tardiva ta' sentenzi li għalihom l-Istat huwa debitur. Il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura qed javvanzaw ukoll b'reġistru tal-IT ta' deċiżjonijiet tal-qorti li fihom l-Istat huwa debitur jew kreditur³⁹.

Riformi strutturali tas-sistema ġudizzjarja

Ir-rapport ta' Novembru 2017 nnota li jinsab għaddej Pjan ta' Azzjoni komprensiv, adottat fl-2016⁴⁰ li jstabbilixxi passi ta' riforma strutturali li għandhom jittieħdu sal-2020 għall-iżvilupp tas-sistema ġudizzjarja, u li dan jenħteġ li jkun għodda li jgħib benefiċċji kbar għall-utenti tas-sistema ġudizzjarja u li jtejjeb il-fiduċja tal-pubbliku. Dan il-Pjan ta' Azzjoni ġie żviluppat u aġġustat matul l-2018, u tat appoġġ finanzjarju minn fondi strutturali tal-UE,⁴¹ iggwidat minn laqgħat tal-Kunsill ta' Ġestjoni Strateġika. Dan il-Pjan ta' Azzjoni indirizza wkoll kwistjonijiet bħat-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' dialogu permanenti bejn ir-rappreżentanti tat-tliet setgħat tal-istat u biex jaġġorna s-sistema tal-IT f'termini ta' protezzjoni tad-*data*.

Madankollu, il-Kunsill ta' Ġestjoni Strateġika ma żviluppax f'forum li jkun kapaċi jindirizza kwistjonijiet strateġiċi ewlenin għas-sistema ġudizzjarja. Pereżempju, jidher li kellu l-ebda sehem fid-dibattiti dwar it-tibdil fil-Liġijiet dwar il-Ġustizzja u tal-Kodiċijiet Ċivili u Kriminali, fatt li se jkollu konsegwenzi kbar fuq il-funzjonament u l-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja. Kif innotat hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-Liġijiet dwar il-Ġustizzja tmexxiet 'il quddiem permezz ta' Ordinanza ta' Emerġenza unilaterali aktar milli permezz ta' deċiżjonijiet konsenswali tal-Ġestjoni Strateġika Ġudizzjarja⁴².

³⁷ Gwida dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem —Dritt għal proċess ġust (ċivili parti), http://www.echr.coe.int/Documents/Guide_Art_6_ENG.pdf.

³⁸ [://rm.coe.int/CoERMPublicCommonSearchServices/DisplayDCTMContent?documentId=09000016806dda63](http://rm.coe.int/CoERMPublicCommonSearchServices/DisplayDCTMContent?documentId=09000016806dda63).

³⁹ Ara r-Rapport Tekniku — Rakkomandazzjoni 5.

⁴⁰ Il-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Iżvilupp tal-Ġudikatura 2015-2020 ġie approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 282/2016.

⁴¹ Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, l-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura, l-Iskola Nazzjonali tal-Iskrivana u l-Ispezzjoni Ġudizzjarja applikaw b'suċċess għal proġetti taħt l-għan speċifiku 2.3 tal-Programm Operazzjonali tal-Kapaċità Amministrattiva. Il-Ministeru Pubbliku qed jimplementa wkoll diversi proġetti ffinanzjati taħt l-istess għan strateġiku.

⁴² L-Ordinanza ta' Emerġenza 90/2018 tal-10 ta' Ottubru 2018 dwar miżuri għall-operazzjonalizzazzjoni tad-Dipartiment għall-investigazzjoni ta' reati mwettqa fil-ġudikatura; L-Ordinanza ta' Emerġenza 92/2018 tas-16 ta' Ottubru 2018 li temenda l-liġi dwar l-istatut tal-maġistrati; L-Ordinanza ta' Emerġenza 77/2018 tal-5 ta' Settembru 2018 li taħtar tim ta' ġestjoni *interim* tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja.

Rakkomandazzjoni 7: *Jenħtiegħ li l-Kunsill Superjuri l-għdid tal-Maġistratura jħejji programm kollettiv għall-mandat tiegħu, inklużi miżuri li jipromwovu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont. Jenħtiegħ li dan jinkludi strateġija dwar il-komunikazzjoni, b'laqgħat miftuħa regolari ma' assemblej tal-imħallfin u tal-prosekuturi f'kull livell, kif ukoll mas-soċjetà ċivili u mal-organizzazzjonijiet professjonali, u t-twaqqif ta' rapport annwali li għandu jiġi diskuss b'mod ġenerali fl-assemblej ġenerali tal-qrati u tal-prosekuturi.*

It-trasparenza u l-kontabilità tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura

Ir-rapport ta' Novembru 2017 innota li l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura kien stipula l-prijoritajiet tiegħu għall-mandat tiegħu (2017–2022), u pprova l-ewwel bażi biex tiġi promossa l-kontabilità tal-istituzzjoni. Ir-rapport innota wkoll li minkejja ċirkostanzi diffiċli, il-Kunsill kien kapaċi jieħu deċiżjonijiet diffiċli, pereżempju billi jirrifjuta l-emendi proposti tal-Liġijiet dwar il-Ġustizzja. Huwa kkonkluda li “jenħtiegħ li l-Kunsill ikompli jikkonsolida xogħlu biex iħares ir-reputazzjoni tal-maġistratura b'mod konsistenti u effettiv, u li jikkontribwixxi għal dialoġu kostruttiv u trasparenti mal-Gvern u l-Parlament.”

Minn dak iż-żmien 'l hawn, iċ-ċirkostanzi għamluha dejjem aktar diffiċli għall-Kunsill biex iżżomm l-approċċ stabbilit fil-prijoritajiet tiegħu, b'sensiela ta' opinjonijiet miċħud mill-gvern⁴³. Inħoloq qsim fil-Kunsill dwar kif għandu jirreaġixxi għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja u l-GRECO dwar il-Liġijiet dwar il-ġustizzja, anki f'oqsma aktar manijerjali bħall-analiżi tal-impatt ta' emendi bħall-iskema ta' rtirar kmieni u d-dewmien tad-dħul fil-professjoni.

Il-Kunsill intalab jagħti opinjoni dwar emendi għall-Kodiċijiet Kriminali⁴⁴. Huwa kkonsulta l-qrati u l-uffiċċji tal-prosekuzzjoni kollha u kkondivida sommarju bil-fehma mal-Kumitat Parlamentari. Il-Membri tal-Kunsill attendew għad-dibattiti fil-Parlament, u ppreżentaw emendi u għamlu kummenti. Madankollu, wara l-adozzjoni tal-liġijiet mill-Parlament, il-Kunsill ma tax opinjoni dwar il-bidliet, u lanqas ma analizza l-impatti tal-emendi fuq is-sistema ġudizzjarja.

Ir-rapport ta' Jannar 2017 enfażizza b'mod partikolari l-valur ta' rappurtar pubbliku mill-Kunsill dwar l-azzjonijiet li ħa biex jiddefendi l-indipendenza tal-ġustizzja u l-protezzjoni tar-reputazzjoni, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-maġistrati. Madankollu, il-Kunsill ma kienx kapaċi jipprovdi pożizzjoni soda f'dan il-qasam, minkejja s-sitwazzjoni ġenerali f'dak li jirrigwarda l-kritika pubblika tal-maġistratura u tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji.

F'Jannar 2017, il-Kummissjoni kienet kapaċi timmarka “progress sostanzjali” dwar il-Parametru Referenzjarju Wieħed. Is-sitwazzjoni attwali hija li waqt li kien hemm progress dwar ir-rakkomandazzjoni 5 (eżekuzzjoni ta' sentenzi), passi oħra meħuda mir-Rumanija treġġgħu lura jew daħħlu fid-dubju l-progress miksub. Ir-rakkomandazzjonijiet 1, 3 u 4 ma ġewx segwiti. Ir-rakkomandazzjonijiet 2, 6 u 7 għadhom ma raw l-ebda progress lejn riżultati sinifikanti. B'mod aktar ġenerali, il-bidliet leġiżlattivi li jdgħajfu l-garanziji għall-indipendenza ġudizzjarja u jiċċentralizzaw aktar setgħa mal-Ministru għall-Ġustizzja, u sensiela ta' passi li joħolqu pressjoni fuq l-istituzzjonijiet ġudizzjarji ewlenin, jitqiesu bħala passi lura mill-awtoritajiet Rumani mill-bażi tal-valutazzjoni ta' Jannar 2017. L-emendi li għaddejjja tal-Kodiċi Kriminali u tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali jinvolvu wkoll riskji serji ta' rigress. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-Parametru Referenzjarju Wieħed ma jistax jitqies bħala ssodisfat u huma meħtieġa rakkomandazzjonijiet addizzjonali biex jintlaħaq dan l-għan, kif stabbilit fil-konklużjoni ta' dan ir-rapport.

⁴³ Ara n-nota 27 ta' qiegħ il-paġna.

⁴⁴ Il-membri tal-SCM infurmaw il-missjoni tal-MKV li “perspettiva” mhijiex l-istess bħal opinjoni u ma titlobx deċiżjoni mill-plenarja tal-SCM.

3.2. Parametru Referenzjarju Tnejn: Il-Qafas għall-Integrità u l-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità

Rakkomandazzjoni 8: *Tiżgura t-tħaddim tas-sistema PREVENT. Jenħtieġ li l-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità u l-Kunsill Nazzjonali tal-Aġenzija għall-Akkwist pubbliku jistabbilixxu rapportar dwar il-verifiki ex ante tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku u tas-segwitu tagħhom, inklużi verifiki ex post, kif ukoll dwar kawżi ta' kunflitt ta' interess jew ta' korruzzjoni li ġew skoperti, u l-organizzazzjoni ta' dibattiti pubbliċi biex il-gvern, l-awtoritajiet lokali, il-ġudikatura u s-soċjetà ċivili jkun mistiedna li jwieġbu.*

Rakkomandazzjoni 9: *Jinħtieġ li l-Parlament ikun trasparenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu fir-rigward tas-segwitu għal deċiżjonijiet finali u irrevokabbli dwar inkompatibilitajiet, kunflitti ta' interess u ġid mhux ġustifikat kontra l-membri tiegħu.*

Is-sistema PREVENT

Is-sistema PREVENT hija mfassla biex tipprevjeni kunflitti ta' interess fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku billi tistabbilixxi mekkaniżmu ta' verifika *ex ante* u tippermetti lill-awtoritajiet kontraenti biex jirrimedjaw problemi potenzjali qabel ma jingħata l-kuntratt. Is-sistema issa hija kompletament operattiva u l-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità (ANI) tirrapporta riżultati pożittivi⁴⁵. Minbarra twissijiet, PREVENT qajmet ukoll għarfien fost l-awtoritajiet kontraenti. B'mod ġenerali, jidher li l-approċċ preventiv qed jingħata spinta u r-rieda tal-maġġoranza kbira mill-awtoritajiet kontraenti li jitneħħew kunflitti potenzjali ta' interessi qabel jiġu ffirmati l-kuntratti turi l-valur tagħha. Iddaħħlet bidla leġiżlattiva li tintroduċi l-possibilità li awtorità kontraenti tiġi mmultata għal nuqqas ta' tweġiba għal allerti minn mis-sistema PREVENT, iżda l-valur miżjud tagħha mhux iċċar⁴⁶.

B'mod aktar ġenerali, ir-rekord tal-Aġenzija baqa' stabbli fuq investigazzjonijiet ta' inkompatibilitajiet u kunflitti amministrattivi ta' interess⁴⁷. Madankollu, l-istabilità tal-qafas legali għall-integrità għadha qed tiffaċċja sfida. F'Lulju ġew adottati żewġ proposti leġiżlattivi mill-Parlament minkejja opinjoni negattiva mill-ANI. L-ewwel waħda tistabbilixxi skadenza ta' preskrizzjoni ta' tliet snin għal atti li jiddeterminaw l-eżistenza tal-istat ta' kunflitt ta' interess jew inkompatibilità⁴⁸. It-tieni proposta se temenda s-sistema ta' sanzjonar rigward il-kunflitt ta' interess għall-uffiċjali lokali eletti⁴⁹. It-tnejn li huma ġew ikkontestati fil-Qorti Kostituzzjonali⁵⁰. Proposti oħra għadhom pendenti fil-Parlament.

Sfida oħra hija marbuta mar-riżorsi finanzjarji tal-ANI. Wara tnaqqis qawwi fil-baġit fl-2017, aktar tnaqqis ħalla lill-ANI b'sogru ta' diffikultajiet finanzjarji fil-ħlas tas-salarji u tal-

⁴⁵ Minn mindu bdew l-operazzjonijiet f'Ġunju 2017 sal-1 ta' Settembru 2018, PREVENT analizzat 16 210 proċedura ta' akkwist pubbliku ta' valur kumulattiv ta' madwar EUR 15 470 miljun. Tmienja fil-mija l-proċeduri analizzati kienu jikkonċernaw il-fondi tal-UE. L-ANI ħarġet 57 twissija ta' integrità, li xi wħud minnhom jikkonċernaw l-akkwisti ta' valuri għoljin ħafna. L-ammont totali tal-valur tal-proċeduri ta' akkwist li għalihom kien hemm twissija tal-integrità huwa ta' EUR 112-il miljun. Fi 48 każ, l-awtoritajiet kontraenti eliminaw il-kunflitt ta' interess potenzjali. Għal disa' kawżi, il-kunflitt potenzjali ta' interess ma ġiex indirizzat. ANI beda investigazzjoni għal kunflitt ta' interessi fi tnejn minn dawn il-kawżi.

⁴⁶ L-Ordinanza ta' Emerġenza 98/2017 tal-14 ta' Diċembru 2017. Ara wkoll ir-Rapport Tekniku — Rakkomandazzjoni 8, p22

⁴⁷ Ara wkoll ir-Rapport Tekniku — Parametru Referenzjarju 2, p 21.

⁴⁸ Il-liġi li temenda l-Liġi Nru 176/2010 dwar l-integrità b'funzjonijiet pubbliċi.

⁴⁹ Il-liġi li temenda l-Liġi Nru 393/2004 dwar l-Istatut tal-uffiċjali eletti lokalment.

⁵⁰ Il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet fuq waħda mil-liġijiet fis-16 ta' Ottubru 2018 u, min-naħa l-oħra, fis-6 ta' Novembru 2018, fejn ħabbret, permezz ta' sqarrija għall-istampa, li l-ewwel proposta leġiżlattiva hija antikostituzzjonali.

kuntratturi⁵¹. Huwa essenzjali li l-Aġenzija jkollha r-riżorsi neċessarji biex tkompli twettaq il-kompiti tagħha skont il-Parametru Referenzjarju Tnejn.

Segwitu ta' deċiżjonijiet tal-qrati li jikkonċerna l-Membri tal-Parlament

Rapporti preċedenti tal-MKV enfasizzaw id-dewmien u l-inkonsistenzi evidenti fl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet għall-Membri tal-Parlament li nstab li huma inkompatibbli jew f'kunflitt ta' interess wara deċiżjoni finali tal-qorti dwar rapport tal-Aġenzija. Il-Kummissjoni għalhekk kienet irrakkomandat aktar trasparenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet, u fir-Rapport ta' Novembru 2017 tat xi suġġerimenti konkreti għal dan il-għan. Minn Ottubru 2016, ittieħdu ħames deċiżjonijiet finali u irrevokabbli tal-qorti kontra l-Membri tal-Parlament. F'żewġ kawżi, kif ukoll f'żewġ kawżi oħrajn marbuta mal-elezzjonijiet ta' Diċembru 2016,⁵² il-Parlament kiteb lill-ANI li ebda sanzjoni dixxiplinarja ma kienet se tiġi applikata⁵³. Għall-kawżi l-oħra, il-Parlament għadu ma rreaġixxiex. Waqt li dawn l-ittri huma pass 'il quddiem f'termini ta' trasparenza, ir-raġunament tal-Parlament jirriskja li joħloq lakuna f'termini tad-dissważività tas-sanzjonijiet. L-argument kien li ma ttieħdet l-ebda azzjoni minħabba li l-inċident ta' integrità inkwistjoni seħħ f'mandat jew pożizzjoni preċedenti. Din mhix interpretazzjoni li sa issa ġiet applikata mill-qrati jew minn istituzzjonijiet pubbliċi oħra. Dan jissuġġerixxi l-ħtieġa għal ċarezza dwar ir-regoli dwar l-inkompatibilitajiet u kunflitti ta' interessi b'mod li jissodisfa l-parametru referenzjarju tal-MKV ta' żgurar ta' "deċiżjonijiet mandatorji li fuq il-bażi tagħhom jingħataw sanzjonijiet ta' deterrent".

Il-Kummissjoni tqis li l-progress sinifikanti mmarkat taħt il-Parametru Referenzjarju Tnejn f'Novembru 2017 waqaf. Ir-Rakkomandazzjoni 8 tiġi ssodisfata diment li PREVENT tiġi kkonsolidata bħala għodda preventiva effikaċi. Il-progress dwar ir-rakkomandazzjoni 9 jeħtieġ li jissolva n-nuqqas attwali ta' ċarezza dwar ir-regoli.

3.3 Parametru Referenzjarju Tlieta: L-indirizzar tal-Korruzzjoni fil-Livelli Għolja

Is-Sostenibilità tad-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni u l-irreversibilità tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni

Ir-rapport ta' Jannar 2017 irrikonoxxa l-progress sostanzjali li sar fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni f'livelli għolja. Fih ġie sottolineat ukoll li jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-korruzzjoni bħala reat jiddgħajef jew jiċċekken, jew isiru sfidi kbar għall-indipendenzi u l-effettività tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni kontra l-korruzzjoni, dawn jitqiesu bħala passi lura. L-Iżviluppi mill-MKV ta' Novembru 2017 talbu lill-Kummissjoni biex terġa' tħares lejn il-valutazzjoni tagħha. Mudell ta' pressjoni fuq l-istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni ewlenin ħoloq tħassib dejjem jikber dwar il-kapaċità kontinwa tagħhom biex iwasslu u għalhekk dwar l-irreversibilità tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Id-Direttorat Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni (DNA) kien mira partikolari f'termini ta' pressjoni ta' natura li tippreġudika l-indipendenza tiegħu. Minbarra ħafna kritika tal-pubbliku u tal-media minn politikanti anzjani, il-fatt li kemm it-tkeċċija tal-Kap Prosekutur tad-DNA li qed jippresjedi, u l-ħatra proposta ta' Kap Prosekutur ġdid tad-DNA injoraw l-opinjoni negattiva tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura qajjem dubji serji ħafna dwar il-proċess (ara hawn fuq). Il-Ministru

⁵¹ Minn madwar LEI 33 miljun fl-2016 sa LEI 22,5 miljun fl-2017. Fl-2018, il-baġit kompli tnaqqas għal LEI 18-il miljun (suppliment ta' LEI 1,5 miljun intalab mill-ANI iżda ma ġiex approvat).

⁵² Dawn il-kawżi, tlieta b'kollox, issemew fir-rapport ta' Novembru 2017 COM(2017) 751, p 9.

⁵³ B'referenza għad-deċiżjonijiet ta' Frar 2018, tal-bureau Permanenti tal-Kamra tad-Deputati. Ara r-Rapport Tekniku - Rakkomandazzjoni 9.

tal-Ġustizzja nieda wkoll proċeduri ġodda għall-ħatra ta' Deputati u Kapijiet ta' Settur ġodda wara l-istess proċedura. Il-liġijiet emendati tal-ġustizzja joħolqu wkoll diffikultajiet potenzjali f'termini ta' persunal li jista' jkollu jitlaq mid-DNA. F'Ottubru, il-Gvern adotta Ordinanza ta' Emerġenza ġdida li timmodifika r-rekwiżiti ta' anzjanità tal-prosekuturi tad-DNA, li jista' jkollhom iżjed impatti negattivi fuq il-kapaċità operattiva tad-DNA.

Il-pressjoni għet estiża sal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja (QGħKĠ), b'mod partikolari l-imħallfin tat-taqsimi kriminali. Kif imsemmi hawn fuq, il-Gvern irrefera l-QGħKĠ għall-Qorti Kostituzzjonali. Dan huwa barra mill-pressjoni li ġejja minn fis-sistema ġudizzjarja, u kien hemm kontroversja meta l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura ma gēddidx il-mandat tal-President fit-taqsimi kriminali tal-QGħKĠ, li jittratta bosta kawżi ta' korruzzjoni ta' livell għoli, u meta tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja għet invokata b'konsultazzjonijiet dwar il-President tal-QGħKĠ (ara hawn fuq).

Il-passi meħuda mill-Gvern jistgħu wkoll ikunu riflessi fi tnaqqis apparenti fil-kooperazzjoni mad-DNA, b'ħafna istituzzjonijiet pubbliċi bħal ministeri, il-qorti ta' kontijiet u korpi ta' kontroll oħra allegatament joqogħdu aktar lura milli jinnotifikaw kawżi ta' frodi u korruzzjoni potenzjali⁵⁴.

It-twaqqif tat-taqsimi l-ġdida għall-investigazzjoni ta' reati mwettqa minn maġistrati fil-Liġijiet dwar il-ġustizzja emendati joħloq tħassib speċifiku fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, minħabba li struttura ġdida tista' tkun aktar vulnerabbli f'termini ta' indipendenza milli kien il-każ s'issa mad-DNA, billi tista' tintuża bħala strument addizzjonali ta' intimidazzjoni u biex toħloq pressjoni fuq il-maġistrati. Barra minn hekk, bħala dipartiment generalist li jittratta r-reati kollha minn maġistrati, se jkollu wkoll nuqqas ta' kompetenza f'termini tal-investigazzjoni ta' reati ta' korruzzjoni speċifiċi, u l-impatt jiġi amplifikat jekk l-investigazzjonijiet tal-individwi kollha marbuta ma' kawża li tinvolvi maġistrat jitneħħew minn taħt il-ġurisdizzjoni tad-DNA. Fir-rigward tal-qafas legali, l-emendi għall-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi ta' Proċeduri Kriminali adottati mill-Parlament qabel is-sajf jistgħu wkoll jimminaw il-ġlieda kontra l-korruzzjoni (ara hawn fuq). Fil-kritika wiesgħa ta' dawn l-emendi, ġie enfasizzat l-impatt fuq il-korruzzjoni. Minħabba li jxekkel serjament l-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjoni u s-sentenzjar, il-kamp ta' applikazzjoni ta' diversi reati ta' korruzzjoni bħala reat tnaqqas. Dan kien ukoll element importanti fl-opinjoni maħruġa mill-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-Kodiċijiet,⁵⁵ u jista' jqajjem mistoqsijiet dwar il-kompatibilità ma' konvenzjonijiet internazzjonali ratifikati tar-Rumanija. Il-Kummissjoni ta' Venezja tissottolinja li, *“meta jittieħdu separatament, iżda l-aktar minħabba l-effett kumulattiv tagħhom, ħafna emendi se jxekklu serjament l-effettività tas-sistema tal-ħustizzja kriminali tar-Rumanija fil-ġlieda kontra diversi forum ta' kriminalità, inklużi reati marbuta mal-korruzzjoni, kriminalità vjolenti u kriminalità organizzata.”* Ma hemm l-ebda indikazzjoni li din il-kwistjoni ta' kompatibilità mal-obbligi internazzjonali kienet is-suġġett ta' dibattitu fil-Gvern jew Parlament. Xi wħud minn dawn il-bidliet ġew iddikjarati mhux kostituzzjonali⁵⁶.

Rakkomandazzjoni 10: *Tadotta kriterji oġġettivi biex tiddeċiedi dwar u timmotiva t-tneħħija tal-immunità tal-Membri tal-Parlament u biex tgħin ħalli jkun żgurat li l-immunità ma tintużax biex tiġi evitata l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' korruzzjoni. Il-Gvern jista' wkoll jikkunsidra li jimmodifika l-liġi biex tiġi limitata l-immunità tal-ministri għaż-*

⁵⁴ Ara r-Rapport Tekniku — Parametru Referenzjarju 3.

⁵⁵ L-Opinjoni 930/2018 tal-Kummissjoni ta' Venezja.

⁵⁶ Deċizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali dwar il-liġi speċjali dwar il-korruzzjoni 78/2000 tal-25 ta' Settembru 2018, u dwar il-Kodiċi Kriminali tal-25 ta' Ottubru 2018.

żmien fil-kariga. Dawn il-passi jistgħu jiġu megħjuna mill-Kummissjoni ta' Venezja u mill-GRECO.⁵⁷ Jenħtieġ li l-Parlament jistabbilixxi sistema biex jirrapporta b'mod regolari dwar id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kmamar dwar talbiet għat-tneħħija tal-immunitajiet u jista' jorganizza dibattitu pubbliku biex il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura u s-soċjetà ċivili jkunu jistgħu jirreaġġixxu.

Ir-rakkomandazzjoni 10 tikkonċerna l-kontabilità tal-Parlament fid-deċiżjonijiet tiegħu dwar talbiet mill-prosekuzzjoni biex tawtorizza miżuri preventivi bħal tiftixiet jew arresti u dwar talbiet biex tawtorizza l-investigazzjoni ta' Membri Parlamentari meta huwa/hija kien/kienet Ministru. Din hija setgħa taħt il-Kostituzzjoni, li tirrifletti ħafna sistemi parlamentari fejn l-immunitajiet jeżistu biex jiproteġu lill-Membri tal-Parlament Ewropew fl-eżerċizzju tal-mandat elettiv tagħhom. Ir-rakkomandazzjoni tikkonċerna mhux il-fatt li din is-setgħa teżisti, iżda l-mod li bih tiġi eżerċitata. Rapporti preċedenti tal-MKV enfazzaw l-importanza ta' kriterji trasparenti biex jgħinu lill-Parlament juri li qed jeżerċita din is-setgħa b'mod oġġettiv. Dan jgħin ukoll biex juri rabta bejn ir-rifjut ta' talbiet mill-prosekuzzjoni u l-protezzjoni ta' Membri tal-Parlament fit-tweqqif tal-mandat elettiv tagħhom, u mhux biex jillimita jew jevita l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' korruzzjoni.

Ir-rapport ta' Novembru 2017 laqa' l-fatt li tqieset il-ħtieġa għal aktar trasparenza fis-segwitu ta' talbiet mill-prosekuzzjoni. Madankollu, huwa qies li kien meħtieġ aktar xogħol dwar ir-rakkomandazzjoni 10 u tenna l-parir tiegħu lir-Rumanija biex tfittex l-assistenza tal-Kummissjoni ta' Venezja u tal-GRECO. Il-Kumitat Legali tal-Kamra tad-Deputati esprima atteġġjament miftuħ biex jirreferi għal kriterji eżistenti stabbiliti mill-Kummissjoni ta' Venezja, iżda dan ma kienx il-każ sa issa⁵⁸ u dan ma ġiex iffomalizzat fir-regoli tal-Kamra jew tas-Senat.

Ma kien hemm l-ebda segwitu fl-2018 dwar l-istedina lill-gvern biex jikkunsidra li jibdel il-liġi biex jiċċara li l-immunità Ministerjali kienet marbuta biss mal-azzjonijiet tal-ministri matul iż-żmien tagħhom fil-kariga. Fis-sena sa Awwissu 2018, ġew aċċettati żewġ talbiet mill-President tar-Rumanija biex jinbdew proċedimenti kriminali kontra eks ministri li mhumieq Membri tal-Parlament.

Ir-rakkomandazzjoni ġibdet l-attenzjoni wkoll għar-rappurtar dwar id-deċiżjonijiet u l-organizzar ta' dibattitu pubbliku. L-ewwel pass f'din id-direzzjoni huwa li d-dibattiti f'kumitati Parlamentari u s-seduta plenarja jixxandru b'mod dirett u jistgħu wkoll jiġu aċċessati onlajn aktar tard.

Fuq il-bażi ta' analiżi tal-Parametru Referenzjarju Tlieta, il-Kummissjoni tista' tikkonferma l-konklużjoni tagħha minn Novembru 2017 li fadal iktar xogħol xi jsir fuq ir-rakkomandazzjoni 10. Barra minn hekk, il-bażi għal valutazzjoni pożittiva milħuqa fir-rigward tal-Parametru Referenzjarju Tlieta f'Jannar 2017 reġġet infetħet mir-Rumanija. Għalhekk ir-rakkomandazzjoni 10 ma tistax tibqa' titqies bħala biżżejjed biex tagħlaq il-Parametru Referenzjarju u għal dan il-għan rakkomandazzjonijiet addizzjonali huma inklużi fil-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport.

⁵⁷ Il-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) ġie stabbilit fl-1999 mill-Kunsill tal-Ewropa biex jimmonitorja l-konformità mal-istandards tal-organizzazzjoni kontra l-korruzzjoni.

⁵⁸ Fil-perjodu bejn Settembru 2017 u Awwissu 2018, kien hemm talba waħda biex jiġi awtorizzat il-bidu ta' investigazzjoni kriminali ta' eks Ministru, issa Membru tal-Parlament. Il-Kamra tad-Deputati ċaħdet it-talba. Ma saret ebda referenza għal kriterji.

3.4 Parametru Referenzjarju Erbgħa: L-Indirizzar tal-Korruzzjoni fil-livelli kollha

Rakkomandazzjoni 11: *Tkompli timplimenta l-Istrateġija Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni, waqt li tirrispetta d-dati ta' skadenza stabbiliti mill-Gvern f'Awwissu tal-2016. Jenħtieġ li l-Ministru tal-Ġustizzja jistabbilixxi sistema ta' rapportar dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (inkluża statistika dwar inċidenti ta' integrità fl-amministrazzjoni pubblika, dettalji ta' proċeduri dixxiplinari u sanzjonijiet u informazzjoni dwar il-miżuri strutturali applikati f'żoni vulnerabbli).*

Rakkomandazzjoni 12: *Tiżgura li l-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni ta' Assi Maqbuda hija operazzjonali b'mod sħiħ u effettiv biex tkun tista' toħroġ l-ewwel rapport annwali b'informazzjoni statistika kredibbli dwar il-konfiska ta' assi kriminali. Jenħtieġ li l-Aġenzija tistabbilixxi sistema biex tirrapporta regolarment dwar l-iżvilupp tal-kapaċità amministrattiva, ir-riżultati fil-konfiska u l-ġestjoni tal-assi kriminali.*

Strateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni

Is-sena li għaddiet rat xi progress kontinwu rigward l-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni. F'Marzu 2018, is-Segretarjat Tekniku fil-Ministeru tal-Ġustizzja ppubblika l-ewwel rapport tal-monitoraġġ tiegħu.⁵⁹ Is-Segretarjat Tekniku kompli jorganizza evalwazzjonijiet tematiċi ta' istituzzjonijiet pubbliċi, bil-għan li jivverifika kif dawn l-istituzzjonijiet jiddefinixxu r-riskji ta' korruzzjoni f'oqsma ewlenin u l-miżuri fis-seħħ biex jipprevjenu inċidenti. L-evalwazzjonijiet bejn il-pari se jiġu appoġġati minn fondi tal-UE. L-implimentazzjoni tal-istrateġija tidher li għamlet progress importanti f'xi setturi vulnerabbli, speċjalment fl-edukazzjoni, il-Ministeru tal-Intern u fil-livell lokali, iżda b'mod anqas ovvju fil-każ tal-kura tas-saħħa.

Wieħed mill-għanijiet tal-istrateġija huwa li titjeb il-prestazzjoni fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz tal-applikazzjoni ta' sanzjonijiet kriminali u amministrattivi. Matul din l-aħħar sena, l-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità u d-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni komplew il-ħidma tagħhom, u s-Servizz tal-Prosekuzzjoni Ġenerali segwa l-prosekuzzjoni tar-reati ta' korruzzjoni li ma jaqgħux fil-kompetenzi tad-DNA⁶⁰. Madankollu, kif stabbilit hawn fuq, l-effettività ta' dawn l-istituzzjonijiet ewlenin ġiet sfidata, u diversi l-inizjattivi leġiżlattivi li għaddejjin joħlqu tħassib fir-rigward tal-impatt potenzjali tagħhom fuq l-implimentazzjoni tal-istrateġija u jagħtu sinjal kontradittorju f'termini ta' appoġġ politiku għall-kontinwazzjoni fil-prevenzjoni u s-sanzjonar ta' korruzzjoni. Dan jinkludi l-emendi għall-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, u għall-qafas tal-integrità, bir-riskju ta' impatt f'kull livell tal-amministrazzjoni pubblika.

Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni ta' Assi Maqbuda

L-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni ta' Assi Maqbuda (ANABI) issa hija operattiva għal kollox u kompliet tiżviluppa l-ħidma tagħha u tistabbilixxi dan b'mod ċar fir-rapporti annwali. L-Aġenzija għamlet ukoll progress dwar l-iżvilupp ta' sistema integrata nazzjonali biex timmonitorja l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet f'kull pass tal-proċess tal-irkupru tal-assi. Madankollu, ANABI għandha l-potenzjal li tiżviluppa aktar. Element importanti se jkun li tiżviluppa l-attivitajiet tagħha relatati mal-użu mill-ġdid soċjali u pubbliku tal-assi konfiskati, fejn il-leġiżlazzjoni tippermetti appoġġ lill-proġetti tas-soċjetà ċivili bħalma huma l-edukazzjoni legali, il-prevenzjoni ta' kriminalità, l-għajnuna lill-vittmi u proġetti oħra ta'

⁵⁹ Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni 2016-2020 fl-2017 <https://sna.just.ro/Rapoarte+de+monitorizare>.

⁶⁰ Ir-riżultati tal-istituzzjonijiet huma deskritti fid-dettall f'rapport tekniku.

interess pubbliku. Minħabba kapaċità amministrattiva insuffiċjenti, l-aġenzija s'issa ma kenitx kapaċi tnedi sejħa għal proposti f'dan il-qasam. F'Ottubru 2018, l-aġenzija kienet qed topera b'persunal ta' 20 persuna biss mill-35 previsti, li jllimitaha biex tiffoka b'mod strett fuq l-attivitajiet ewlenin⁶¹.

Fuq il-bażi ta' analiżi tal-Parametru Referenzjarju Erbgħa, il-Kummissjoni tista' tikkonferma l-konklużjoni tagħha minn Novembru 2017 li hemm bżonn aktar ħidma għal progress lejn it-tlestija tal-Parametru Referenzjarju. Il-prevenzjoni tal-korruzzjoni hija miżmuma lura minħabba l-iżviluppi politiċi, li jdgħajfu l-kredibilità tal-progress (rakkomandazzjoni 11). Rigward ir-rakkomandazzjoni 12, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li din ir-rakkomandazzjoni twettqet, iżda se jkun importanti li jiġu żgurati riżorsi umani suffiċjenti għall-ANABI.

4. KONKLUŻJONI

Matul it-12-il xahar minn Novembru 2017, ir-Rumanija ħadet xi passi biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-rapport ta' Jannar 2017. F'konformità mal-valutazzjoni stabbilita f'dan ir-rapport, il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjonijiet 8 u 12 jistgħu jitqiesu ssodisfati, u sar aktar progress fuq ir-rakkomandazzjonijiet 5 u 9.

Madankollu, il-valutazzjoni tar-rapport ta' Jannar 2017 dejjem kienet ikkondizzjonata fuq l-evitar ta' passi negattivi li jitfgħu dubju fuq il-progress li sar matul l-aħħar 10 snin. Id-dħul fis-seħħ tal-liġijiet dwar il-ġustizzja emendati, il-pressjoni fuq l-indipendenza ġudizzjarja b'mod ġenerali u dwar id-Direttorat Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni b'mod partikolari, u passi oħra li jdgħajfu l-ġlieda kontra l-korruzzjoni reġġgħu lura jew ikkontestataw l-irreversibilità tal-progress, b'mod partikolari taħt il-Parametri Referenzjarji Wieħed u Tlieta.

B'riżultat ta' dan, it-12-il rakkomandazzjoni stabbiliti fir-rapport ta' Jannar 2017 m'għadhomx biżżejjed biex jagħlqu il-MKV f'konformità mal-obiettiv stabbilit mill-President Juncker u minħabba dan huma stabbiliti rakkomandazzjonijiet addizzjonali f'dan ir-rapport. Dan se jirrikjedi li l-istituzzjonijiet ewlenin tar-Rumanija juru impenn qawwi lejn l-indipendenza ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni bħala pedamenti indispensabbli, u li terġa' tinkiseb il-kapaċità nazzjonali ta' salvagwardji u verifiki u bilanċi biex tittieħed azzjoni meta jkun hemm riskju ta' pass lura.

Biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni huma rrakkomandati l-miżuri li ġejjin:

Liġijiet dwar il-ġustizzja

- Tiġi sospiża immedjatament l-implimentazzjoni tal-liġijiet dwar il-ġustizzja u l-Ordinanzi ta' Emerġenza sussegwenti.
- Jiġu riveduti l-liġijiet dwar il-ġustizzja u jieħdu kont sħiħ tar-rakkomandazzjonijiet skont il-MKV u maħruġa mill-Kummissjoni ta' Venezja u mill-GRECO.

Ħatriet / sensji fil-ġudikatura

- Jiġu sospiżi immedjatament il-ħatriet kollha li għaddejjin u l-proċeduri ta' tkeċċija għal prosekuturi anzjani.
- Jerġa' jitnieda proċess biex jinħatar il-Kap prosekutur tad-DNA b'esperjenza ppruvata fil-prosekuzzjoni ta' reati ta' korruzzjoni u b'mandat ċar tad-DNA biex jissuktaw l-investigazzjonijiet professjonali, indipendenti u mhux partiġġjani ta' korruzzjoni.

⁶¹ Xi wħud mill-proċeduri ta' reklutaġġ ġew reċentement awtorizzati.

- Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura għandu jaħtar minnufih tim *interim* għall-ġestjoni tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja u fi żmien tliet xhur, permezz ta' kompetizzjoni għandu jaħtar tim ta' amministrazzjoni ġdid fl-Ispezzjoni.
- Jiġu rispettati l-opinjoni negattivi mill-Kunsill Superjuri dwar ħatriet jew tkeċċijiet ta' prosekuturi f'karigi maniġerjali, sakemm ikun implimentat qafas leġislattiv ġdid skont ir-rakkomandazzjoni 1 minn Jannar 2017.

Kodiċijiet kriminali

- Jitwaqqaf id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.
- Terġa' tinfetħ ir-reviżjoni tal-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali billi jittieħed kont tal-bżonn għall-kompatibilità mad-dritt tal-UE u l-istrumenti internazzjonali kontra l-korruzzjoni, kif ukoll tar-rakkomandazzjonijiet tal-MKV u l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja.

Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi mill-qrib u beħsiebha terġa' tivvaluta s-sitwazzjoni qabel it-tmiem tal-mandat attwali tal-Kummissjoni. L-implimentazzjoni immedjata tal-miżuri addizzjonali hija essenzjali biex il-proċess tar-riforma jerġa' jaqbad it-triq it-tajba u tkompli t-triq lejn il-konklużjoni tal-MKV kif stabbilit fir-rapport ta' Jannar 2017.